

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Patrick Chemoul (Pariġi, Franza) (rappreżentant: E. Hoffman, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-13 ta' Mejju 2016 (Każ R-2336/2015-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' nullità bejn Dogg Label u P. Chemoul.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-13 ta' Mejju 2016 (Każ R-2336/2015-2) hija annullata.
- 2) Dogg Label, l-EUIPO u Patrick Chemoul għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 364, 3.10.2016

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 29 ta' Ġunju 2017 – Martín Osete vs EUIPO – Rey (AN IDEAL WIFE ET)

(Kawżi Magħquda T-427/16 sa T-429/16) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ revoka — Trade marks verbali tal-Unjoni Ewropea AN IDEAL WIFE, AN IDEAL LOVER u AN IDEAL HUSBAND — Assenza ta’ użu ġenwin tat-trade marks — Artikoli 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta’ raġuni ġusta għan-nuqqas ta’ użu”)

(2017/C 277/62)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Isabel Martín Osete (Pariġi, Franza) (rappreżentant: V. Wellens, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Danielle Rey (Toulouse, Franza) (rappreżentanti: P. Wallaert u J. Cockain-Barere, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjonijiet tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-21 ta' April 2016 (Każijiet R 1528/2015-2, R 1527/2015-2 u R 1526/2015-2 R 708/2005-1), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Rey u Martín Osete.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikorsi huma miċħuda
- 2) Isabel Martín Osete hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 343, 19.9.2016.